PARLAMENT TA' MALTA

IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 6569

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 461 tas-17 ta' Mejju 2021 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

***CHILD CARE CENTRE***

**53. L-ONOR. DAVID AGIUS staqsa lill-Ispeaker:** B'referenza għall-PQ 47, Jista’ l-Ispeaker jgħid fejn waslu t-taħditiet dwar it-twaqqif ta' Child Care Centre li jkun jista’ jintuża mit-tfal tad-Deputati tal-Kamra? Jista’ l-Ispeaker ipoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti tal-post u kopja tal-ftehim?

04.05.2021

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** L-Uffiċċju tal-Ispeaker huwa infurmat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni li s-sit issa ġie identifikat u li t-tenders għax-xogħolijiet biex dan is-sit jiġi konvertit f’Child Care Centre ġew ippubblikati u ngħalqu għajr għal wieħed. Ix-xogħlijiet fuq dan il-proġett bdew.

Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-lum:

- ġew aġġudikati tenders b’suċċess u ffirmati kuntratti għal:
    1. Demolition and Construction
    2. Finishing Works
    3. Asphalt Works

- ġew aġġudikati tenders b’suċċess u jinsabu fil-proċess li jkunu ffirmati l-kuntratti għal:
    1. Furniture
    2. Appliances and Equipment

Ix-xogħol konness ma’ Mechanical, Electrical and Drainage ma kienx aġġudikat b’suċċess u għaldaqstant reġa’ ġie ppubblikat tender għalih, li bħalissa wasal fl-aħħar tal-evalwazzjoni tiegħu. Jekk dan it-tender ikun evalwat b’suċċess, jipproċedi għall-award u eventwalment għall-iffirmar tal-kuntratt skont il-proċeduri.

Huwa stmat li dan iċ-ċentru jitlesta sal-aħħar ta’ din is-sena.

Seduta 461
17.05.2021